**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 165/2012**

**Illum: 27 ta' Settembru, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Miguel Suda**
**(ID 222893(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Miguel Suda ta' 18-il sena, iben Hubert u Josanne nee` Gatt, imwieled il-Pieta` nhar it-12 ta' Mejju 1993 u residenti gewwa 'Eagle', Flat 4, Triq C. De Broctorff, Msida u detentur tal-karta tal-identita` numru 222893(M);

Akkuzat talli nhar l-1 ta' Jannar 2012 gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Traffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta MCPP[1], minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub minghajr is-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet

[1] B'digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Dicembru 2012, giet ordnata l-korrezzjoni fl-ewwel imputazzjoni u dan fis-sens illi kellha tithassar il-kelma 'ecstasy' u tigi sostitwita bl-ittri 'MCCP'.

tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legal 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tas-27 ta' Jannar 2014;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Fix-xhieda tieghu PC 1348 Joseph Campbell spjega kif fil-31 ta' Dicembru 2011, ghall-habta tal-11.00 p.m., waqt li kien fuq xoghol f'Paceville, gewwa *club*, huwa nnota lill-imputat odjern jaghmel moviment suspettuz u dan fis-sens illi huwa nnutah bhal qed jahbi xi haga hdejn il-parti tieghu. Jghid illi huwa avvicinah, arrestah, tah is-solita twissija u eskortah lejn il-vann tal-pulizija, fejn hemmhekk staqsa lill-imputat jekk kellux xi haga illegali fuqu u da parti tieghu, l-imputat tah sittax-il pillola suspettati *ecstasy*. Jghid illi l-imputat ittiehed ghand l-Ispettur Sant, ossia l-Ufficjal Prosekutur f'dan il-kaz u l-pilloli in kwistjoni gew mghoddija lill-istess Spettur. Ix-xhud gharaf il-pilloli elevati esebiti bhala Dokument NS1 u t-*tag* flimkien mal-istess li kienet tindika n-numru tieghu u dak ta' PC 599.[2]

[2] Ara x-xhieda ta' PC 1348 Joseph Campbell, a fol. 15 sa 17 tal-process.

Da parti tieghu PC 599 Clive Mangion jixhed illi flimkien ma' PC 1348, huwa kien qieghed jaghmel *patrol* gewwa Paceville, fejn f'hin minnhom dahlu gewwa diskoteka '*Escape*' u hemmhekk innutaw lill-imputat odjern jagixxi b'mod suspettuz. Ghalhekk harguh 'il barra, infurmawh li kienu pulizija u li kienu ser jaghmlulu tfittxija u haduh fil-vann tal-pulizija. L-imputat tahom borza, li harigha mill-*boxer shorts* tieghu u li kien fiha madwar sittax-il pillola suspettata *ecstasy*. Ix-xhud jghid illi dan sehh <u>fl-1 ta' Jannar 2012.</u>[3]

Skont ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[4], huwa gie moghti dokument wiehed ghall-analizi tieghu, konsistenti f'borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem 'Data 1/1/12, Hin 15.10, Elevat/i minn xxxx gol-qalziet, fil-prezenza ta' Miguel Suda, minn PC 1348, PC 519". F'din il-borza kien hemm sittax (16)-il pillola ta' lewn abjad bil-logo tal-*Mitsubishi*.

L-istess espert ikkonkluda illi fis-sittax (16)-il pillola ta' lewn abjad bil-logo tal-*Mitsubishi* li kien hemm f'dan id-dokument, instabu fihom is-sustanzi *1-(3-chloropheneyl)piperazine (mCPP)* u kafejina. Fil-waqt illi s-sustanza kafejina, li hija *xanthine stimulant*, m'hiex ikkontrollata bil-ligi, s-sustanza *mCPP*, li hija *central stimulant*, hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat irrilaxxja stqarrija fl-1 ta' Jannar 2012 u dan wara li gie moghti s-solita twissija skont il-ligi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu. Bazikament f'din l-istqarrija l-imputat ammetta li huwa kien xtara l-pilloli misjuba fil-pussess tieghu sabiex ibieghhom u li dakinhar huwa kien lahaq biegh xi erba' pilloli gewwa *Escape*. Skont hu, din kienet l-ewwel darba li biegh il-pilloli *ecstasy*.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' traffikar tal-medicina psikotropika u ristretta MCPP u bil-pussess aggravat tal-medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) u dan b'referenza specifika ghall-1 ta' Jannar 2012. Kif inghad fil-waqt illi PC 1348 Joseph Campbell jixhed illi l-imputat gie mwaqqaf ghall-habta tal-11.00 p.m. tal-31 ta' Dicembru 2011, PC 599 Clive Mangion jixhed illi dan sehh fl-1 ta' Jannar 2012, minghajr ma jispecifika hin. It-*tag* fuq l-esebit, imbaghad, tindika d-data tal-1 ta' Jannar 2012 u l-hin bhala t-15:10 u ghalhekk ferm wara l-hin li fiha ttiehdet l-

[3] A fol. 19 u 20 tal-process.
[4] Esebita a fol. 23 tal-process.

istqarrija tal-imputat u cioe` fit-3.30 a.m. Ghaldaqstant l-istess *tag* ma titfa' l-ebda dawl dwar il-hin li l-esebit gie elevat mill-pussess tal-imputat. Il-Qorti tinnota wkoll illi fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, inghad hekk:

"M: Illum il-Pulizija ghamlet tfittxija fuqek u sabghet pakett b'sittax il-pinnola Ecstasy fuq il-persuna tieghek, x'ghandek xi tghid fuqha?

T: Tieghi.

…

M: X'kienu qed jaghmlu fuqek dawn il-pinnoli ecstasy?

T: Mhux biex inbieghhom.

M: Illum kemm irnexxilek tbiegh minnhom?

T: Erbgha.

…

M: Kemm ilek tbiegh dawn il-pinnoli ecstasy?

T: Illum."

Kif inghad din l-istqarrija giet rilaxxjata mill-imputat nhar l-1 ta' Jannar 2012 u l-hin indikat fl-istqarrija huwa 3.30 hrs, liema hin l-Qorti tifhmu bhala t-3.30 a.m. u ghalhekk ftit tal-hin wara l-arrest tal-istess imputat. Il-kelma 'illum' tintuza kemm mill-Ufficjal Investigatur fir-rigward tas-sejba in kwistjoni, kif ukoll mill-imputat b'referenza ghall-bejgh tal-pilloli misjuba fil-pussess tieghu u tenut kont li l-istqarrija ggib id-data tal-1 ta' Jannar 2012, wiehed jista' jifhem illi hawnhekk kienu qeghdin jaghmlu referenza ghal din l-istess data. Biss a bazi tax-xhieda ta' PC 1398 Campbell il-Qorti ghandha dubju dwar kemm effettivament dan il-bejgh sehh dakinhar tal-1 ta' Jannar 2012 u dwar kemm l-imputat kien qed jirreferi ghal din id-data. Ghalkemm l-imputat inniffsu jistqarr illi l-bejgh kien sehh 'illum', biss stante li l-istqarrija ttiehdet fit-3.30 a.m., ftit tal-hin wara l-arrest tieghu, huwa perfettament plawsibbli li l-imputat kien qed jirreferi ghal dak l-istess lejl li fih gie arrestat mill-pulizija u mhux necessarjament u strettament ghall-jum tal-1 ta' Jannar 2012. Il-fatt li kemm l-Ufficjal Investigatur, kif ukoll l-imputat irreferew ghal 'illum', fic-cirkostanzi appena kkunsidrati ma jwasslux lill-Qorti sal-konvinciment morali illi l-imputat biegh il-pilloli *ecstasy* u kellu l-pussess aggravat tal-istess fl-1 ta' Jannar 2012 u dan fid-dawl tax-xhieda ta' PC 1358 Campbell, liema xhieda twassal lill-Qorti sabiex tiddubita kemm l-imputat twaqqaf fl-1 ta'

Jannar 2012, ai termini tat-tahrika odjerna. Terga' u tghid, kif inghad, PC 599 lanqas ma kien specifiku dwar il-hin ghalkemm jindika d-data tal-1 ta' Jannar 2012, kuntrarjament ghal PC 1398 Campbell li kien izjed specifiku.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputat ma gewx sodisfacentement ippruvati fil-grad li trid il-ligi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument NS1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat